# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 532

Il-Ħamis, 24 ta' Ġunju, 2021

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Paul Mizzi- Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Alvin Grech – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

SKUŻAT:

Frankie Attard - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

**Pjazza Orvieto, Ta' Kercem KCM 1360, Gozo**
*Tel:* **21563666** *Fax:* **21563888**
*e-mail:* **kercem.lc@gov.mt**

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

## 532.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-SE infurmat lill-Kunsill illi s-Sur Frankie Attard informaha illi mhux ser ikun jista' jattendi għal-laqgħa minħabba ċirkustanzi personali. Il-membri tal-Kunsill qablu li jiġi skużat.

## 532.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-minuti tal-laqgħa preċendenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 532.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

532.3.1 Is-Sindku ppreżenta rċevuta li nġabet il-Kunsill minn persuna li qed tgħid li kissret is-sump tal-karozza fi Triq Xuxa ġewwa l-ħofra/tumbata li saret mit-trakkijiet fil-bidu tat-triq. Il-Kunsill Lokali kien diġa' għamel talba lill-Ministeru għal Għawdex sabiex titranġa din il-ħofra u anke kien approva din l-istess talba. Il-Kunsill iddiskuta illi ma nistgħux nibqgħu nirranġaw il-ħsara tat-trakkijiet. Peress li l-ħsara baqgħet ma tranġatx mill-MGOZ, sar qbil li din l-istess irċevuta tintbagħat lill-MGOZ sabiex jaraw x'ser jagħmlu dwarha huma.

532.3.2 Il-Kunsillier Alvin Grech ressaq mozzjoni li kienet tgħid hekk:

*Nixtieq inressaq il-mozzjoni segwenti:*

*Issir talba lil awtoritajiet kompetenti sabiex titnehha r-roundabout ta' Triq Kercem Victoria (ta' hdejn is-sigra l-kbira) peress illi qed tipperikola s-sahha u s-sigurta ta' dawk li jridu jduru maghha. Din qed tohloq perikolu kemm ghax-xufiera u anke l-passiggiera.*

*Jintalab parir legali jekk il-Kunsill jistax izomm reponsabli lill-awtoritajiet kompetenti ghal kull danni li jistghu jsofru c-cittadini tar-rahal ta' Kercem minhabba n-nuqqas ta' azzjoni mill-awtoritajiet koncernati.*

*Illi tizbalja huwa uman u min ma jaghmel xejn ma' jizbaljax. Pero li tippersisti f' l-izbal hija arroganza u l-konsegwenzi ta' tali arroganza qed ibghatuha c-cittadini Kercmin. Ghaldaqstant nemmen illi huwa gust illi jekk l-awtorita kompetenti qed igeghiel lir-residenti Kercmin jipperikolaw is-sahha u s-sigurta taghhom tinzamm legalment reponsabli ghal tali agir.*

Wara li nqrat il-mozzjoni, is-Sur Grech żied jgħid li huwa ma semmiex biex titmexxa r-roundabout peress li huwa mhuwiex kompetenti fil-qasam biex jagħti suġġerimenti u lanqas huwa kompitu tiegħu. Il-membri tal-Kunsill kollha appoġġjaw din il-mozzjoni. Is-Sindku nforma lil kulħadd illi għada hemm laqgħa ma' TM fuq il-post fuq din il-materja. Għalhekk, il-KL ser jara x'se jiġri f'din il-laqgħa.

532.3.3 TM bagħtet ittra sabiex tinforma lill-KL illi saret applikazzjoni għal disabled parking fi Triq l-Avukat Anton Calleja. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

532.3.4 Is-Sur Joe Borg li għandu kwistjoni fuq il-propjeta' fi Sqaq fi Triq San Girgor, ippreżenta pjanta sabiex tissemma f'dawn il-minuti u tinġabar mal-korrispondenza relatata mal-każ tiegħu.

532.3.5 Dwar il-bulky refuse, il-Kunsill qiegħed f'sitwazzjoni fejn ma jistgħax iqabbad aktar lil Anġlu Axiaq sabiex jaħdem dan ix-xogħol peress li l-ebda insurance ma trid tinxurja t-trakk tiegħu bħala Fully Comprehensive. Għalhekk waqt il-laqgħa tkellimna ma' Godfrey Borg biex jagħtina kwotazzjoni għal ġbir ta' bulky. Dan jiġi jiswa Eur7 għal kull bulky li jsir minn residenza waħda.

532.3.6 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi dwar il-Kamra tan-Nar, sar aċċess nhar id-9 ta' Ġunju li għadda.

532.3.7 Irċevejna proposta mingħand il-GTA li qed tipproponi sabiex matul il-jiem tas-sajf ma jinħarġux aktar permessi bħalma diġa' isir f'positijiet turistiċi oħra bħax-Xlendi u Marsalforn. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta iżda m'aċċettax.

532.3.8 Ir-Reġjun t'Għawdex ħareg skema għal-libreriji. Il-Kunsill iddiskuta sabiex japplika għal projector, siġġijiet, tapiti u tagħmir ieħor li naraw li jkun hemm bżonn. Kulħadd qabel ma' dan.

532.3.9 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi l-LESA m'aċċettawx l-applikazzjoni li konna għamilna għat-trakk u għalhekk ma ġejniex magħżula.

532.3.10 Irċevejna risposta mingħand il-kumpanija li kienet kellmitna sabiex tibda torganizza l-Padel Tennis u nfurmawna li ser jiddiskutu l-proposta tal-Kunsill.

532.3.11 Saret talba mill-iskola BELS sabiex teħel mera x'imkien quddiem l-iskola peress li mhux qed ikunu jistgħu joħorġu. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

532.3.12 Dwar il-crash barriers li weħlu fi Triq Wied il-Lunzjata qed issir oġġezzjoni mill-Kunsill Lokali tar-Rabat peress li qed jgħidu li dawn ser iżommu l-ilma tax-xita. Il-Kunsill iċċara illi dawn weħlu mill-Ministeru għal Għawdex skont il-permessi li ħarġu minn naħa ta' TM u għalhekk il-KL Ta' Kerċem ma jistax issa jneħħi dawn il-barriers

u jerfa’ r-responsabbilta’ ta’ xi incident.

532.3.13 Irċevejna email mingħand resident li qed jgħid li mietu xi papri ġewwa l-Għadira. Dawn tneħħew minn naħa tal-Kunsill u tlabna lill-Animal Welfare sabiex jaraw jidentifikawx il-kawża tal-mewt tagħhom. Apparti dan, wara li konna diġa’ għamilna diversi talbiet mal-Ministeru tal-Ambjent u l-Ministeru tal-Agrikultura sabiex tiġi nstallata CCTV, ġie deċiż li nerġgħu niktbu lill-Ministeru tal-Agrikultura biex nisħqa dwar l-importanza ta’ din il-camera.

532.3.14 Dwar il-Festival tal-Bizzilla, peress li mhux ser isir safar, ser isir xi filming ġor-raħal u ngħidu lil dawk li jafu jaħdmu l-bizzilla sabiex jieħdu sehem.

532.3.15 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi hemm bżonn li jinxtara tank tal-ilma ieħor għall-ġnien ta’ fejn in-niċċa ta’ Qasam San Ġorġ peress li fis-sajf hemm bżonn aktar ilma biex jissaqqa waħdu bl-irrigazzjoni. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

532.3.16 Il-Kunsill ser ikun qed japplika għall-Bring In Sites ġewwa Triq Santa Katerina tal-Qabbieża peress li issa bilfors irid ikollna set minnhom.

532.3.17 Is-Sinjorina Abigail Micallef ressqet suġġeriment illi ssir xi tip ta’ Mental Health Awareness. Hija qalet li kieku l-grupp taż-żgħażagħ tar-raħal jagħmel xi videos kemm għaż-żgħażagħ u anke għall-kbar fejn wieħed jista’ jitkellem dwar is-sitwazzjoni mentali li persuna tista’ tkun għaddejja minnha speċjalment f’dan iż-żmien tal-Pandemija. Il-Kunsill laqa’ din it-talba nteressanti u anke lest li jekk jinstabu xi professjonisti sabiex jitkellmu f’dawn il-videos, dawn jitħallsu mill-KL.

## 532.4 Skema Reġjonali – Ambjent 2021

Is-Sindku qal li l-aħħar li approvajna din l-iskema, il-KL kien iddeċieda li japplika għal sweeper. Madanakollu, peress li issa l-LESA m’aċċettatx l-applikazzjoni tat-trakk, huwa qed jissuġġerixxi illi napplikaw għal trakk minflok sweeper peress li t-trakk huwa ta’ prijorita’ akbar. Il-Kunsill qabel li jsir hekk.

## 532.5 Symphony of lights u Fjakkolata 2021

Il-Kunsill iddeċieda illi jerġa’ japplika għal dawn iż-żewġ attivitajiet bħas-soltu.

## 532.6 Ilmenti u Suġġerimenti

532.6.1 Is-Sur Paul Mizzi staqsa jekk humiex ser jinbidlu r-rotot tal-karozzi tal-linja. Huwa qal li jekk fl-affermattiv, qed iressaq talba sabiex ir-rotta tinbidel u tibda tgħaddi minn Triq San Pietru u San Pawl, Triq il-Bies u mbagħad tinsel minn Triq Sarġ u tkompli normali. Is-SE qalet li m’għandiex informazzjoni dwar dan u ser tiċċekkja ma’ TM.

532.6.2 Is-Sur Horace Vella talab li ssir tabella ‘Victoria’ fi Pjazza Salvatore Busuttil peress li qed ikun hemm minn qed jidħol wrong way minn Triq Xuxa. Ħadd ma sab

oġġezzjoni.

532.6.3 Is-Sindku ressaq talba ta' persuna li għandha għalqa fi Triq Franġisk u Roża Camilleri u qed jgħid li d-Dipartiment tad-Drenaġġ kien għamel xi xogħolijiet u għadda minn ġo l-għalqa tiegħu madwar disa' snin ilu. Apparti hekk, kienu għamlulu xi ħsarat u ħallewlu ħafna mbarazz. Dan baqa' ma tranġax u meta mar il-Ministeru għal Għawdex bgħatuh il-Kunsill. Is-Sur Paul Mizzi irrimarka illi la darba l-ħsara saret minn naħa tad-Dipartiment tad-Drenaġġ għandhom ikunu huma li jirranġaw din l-istess ħsara. Wara diskussjoni ġie maqbul li nivverifikaw mad-DLG li jekk din il-ħsara tibqa' ma titranġax minn naħa tad-Dipartiment tad-Drenaġġ ikunx possibli li l-Kunsill jidħol għal dawn ix-xogħolijiet.

532.6.4 Saret talba sabiex isiru *double yellow lines* ma' kull naħa ta' garage fi Triq l-Għadira. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

532.6.5 Saret talba sabiex inġibu l-kurduna għal bankina fi Triq Klula. Din ġiet approvata.

## 532.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 532.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.25pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 22 ta' Lulju 2021 fil-5pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |